



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 1 ta' Marzu 2017
(OR. en)**

**2016/0075 (COD)
LEX 1720**

**PE-CONS 64/1/16
REV 1**

**VISA 414
COEST 344
COMIX 852
CODEC 1931**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (KE) NRU 539/2001 LI JELENKA L-PAJJIŻI TERZI LI Ċ-
ĊITTADINI TAGĦHOM GĦANDHOM IKOLLHOM VIŻA FIL-PUSSESS TAGĦHOM META
JAQSMU L-FRUNTIERI ESTERNI U DAWK LI Ċ-ĊITTADINI TAGĦHOM HUMA EŻENTI
MINN DIK IL-ĦTIEĠA (GEORGIA)**

REGOLAMENT (UE) 2017/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-1 ta' Marzu 2017

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001
li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini
tagghom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagghom meta jaqsmu l-fruntieri esterni
u dawk li ċ-ċittadini tagghom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Georgia)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2017 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2017.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001¹ jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa. Il-kompożizzjoni tal-listi ta' pajjiżi terzi fl-Annessi I u II għandha tkun, u għandha tibqa', konsistenti mal-kriterji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 539/2001. Ir-referenzi għal pajjiżi terzi li fir-rigward tagħhom inbidlet is-sitwazzjoni fir-rigward ta' dawk il-kriterji għandhom ikunu trasferiti minn anness għall-ieħor, skont kif ikun xieraq.
- (2) Huwa meqjus li l-Georgia laqgħet il-punti ta' riferiment kollha stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża ppreżentat lill-Gvern tal-Georgia fi Frar 2013, u għaldaqstant tissodisfa l-kriterji rilevanti sabiex iċ-ċittadini tagħha jkunu eżentati mill-ħtieġa tal-viża meta jivvjaġġaw lejn it-territorju tal-Istati Membri. L-adempiment kontinwu mill-Georgia ta' tali kriterji, speċjalment dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ser ikun issorveljat kif dovut mill-Kummissjoni f'konformità mal-mekkaniżmu rilevanti stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 539/2001.
- (3) Ir-referenza għall-Georgia għandha għaldaqstant tiġi trasferita mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 għall-Anness II tiegħu. Dik l-eżenzjoni tal-viża għandha tapplika biss għad-detenturi ta' passaporti bijometriċi maħruġa mill-Georgia f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

¹ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (ĠU L 81, 21.03.2001, p. 1).

- (4) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jipparteċipax, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE¹; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jiehū sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.
- (5) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tipparteċipax, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE²; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tiehū sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (6) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen³, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt B tal-Artikolu 1, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE⁴.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiehū sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).
³ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

- (7) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen¹, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt B tal-Artikolu 1, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE².

¹ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*Acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

- (8) Fir-rigward ta' Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen¹, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fil-punt B tal-Artikolu 1, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE²,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 539/2001 huwa emendat kif ġej:

- (a) fl-Anness I, Parti 1 ("STATI"), ir-referenza għall-Georgia titħassar.
- (b) fl-Anness II, Parti 1 ("STATI"), tiddaħħal ir-referenza li ġejja:

"Il-Georgia*

* L-eżenzjoni tal-viża hija limitata għad-detenturi ta' passaporti bijometriċi maħruġa mill-Georgia f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO). "

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea**.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

* ĠU: id-data tal-pubblikazzjoni u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu l-istess bħal, u fi kwalunkwe każ mhux qabel, id-data tal-pubblikazzjoni u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-PE-CONS 58/16 (COD 2016/0142), ir-Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni).